



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 15 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0430(NLE)

16136/22
ADD 1

AELE 47
EEE 43
N 73
ISL 37
FL 33
MI 955
SOC 692
EMPL 471
EDUC 424

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	15 ta' Diċembru 2022
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 739 final
Suġġett:	ANNESS tal-Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet (CEDEFOP)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 739 final.

Mehmuż: COM(2022) 739 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.12.2022
COM(2022) 739 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat
Konġunt taż-ŻEE rigward emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar il-
kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet**

(CEDEFOP)

ANNESS

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru [...]

ta' [...]

li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Skont il-paragrafu 6 tal-Artikolu 4 tal-Protokoll 31, il-Partijiet Kontraenti għandhom jinkoraġġixxu kooperazzjoni xierqa bejn l-organizzazzjonijiet, l-istituzzjonijiet u korpi oħra kompetenti fit-territorji rispettivi tagħhom fejn dan jikkontribwixxi għat-tisħiħ u t-twessigħ tal-kooperazzjoni. Dan għandu japplika b'mod partikolari għal ħwejjeġ koperti bl-attivitajiet taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (CEDEFOP).
- (2) Huwa xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE tiġi estiża biex tinkludi r-Regolament (UE) 2019/128 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jstabbilixxi Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (CEDEFOP) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75¹.
- (3) Għalhekk, il-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat sabiex din il-kooperazzjoni estiża tkun tista' tibda sseħħ mill-1 ta' Jannar 2023,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-test tal-paragrafu 6 tal-Artikolu 4 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

- (a) B'effett mill-1 ta' Jannar 2023, l-Istati tal-EFTA għandhom jipparteċipaw fl-attivitajiet li jistgħu jirriżultaw mill-att tal-Unjoni li ġej:
 - **32019 R 0128:** Ir-Regolament (UE) 2019/128 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jstabbilixxi Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (CEDEFOP) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75 (ĠU L 30, 31.1.2019, p. 90).
- (b) L-Istati ta' l-EFTA għandhom jikkontribwixxu b'mod finanzjarju għall-attivitajiet imsemmija taħt (a) f'konformità ma' l-Artikolu 82(1)(a) u l-Protokoll 32 tal-Ftehim.

¹ ĠU L 30, 31.1.2019, p. 90.

- (c) L-Istati tal-EFTA għandhom jipparteċipaw bis-sħiħ, mingħajr id-dritt tal-vot, fil-Bord tat-Tmexxija tas-CEDEFOP.
- (d) B'deroga mill-Artikoli 12(2)(a) u 82(3)(a) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea, ċittadini tal-Istati tal-EFTA li jgawdu d-drittijiet sħaħ tagħhom bħala ċittadini jistgħu jiġu impjegati b'kuntratt mid-Direttur tas-CEDEFOP.
- (e) B'deroga mill-Artikoli 12(2)(e), 82(3)(e) u 85(3) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, il-lingwi msemija fl-Artikolu 129(1) tal-Ftehim għandhom jitqiesu mis-CEDEFOP, fir-rigward tal-persunal tiegħu, bħala lingwi tal-Unjoni msemija fl-Artikolu 55(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea
- (f) Is-CEDEFOP għandu jkollu personalità ġuridika. Fl-Istati kollha tal-Partijiet Kontraenti, għandu jgawdi mill-aktar kapaċità ġuridika estensiva li tingħata lill-persuni ġuridiċi skont il-liġijiet tagħhom.
- (g) L-Istati tal-EFTA għandhom jagħtu privileġġi u immunitajiet lis-CEDEFOP u lill-persunal tiegħu ekwivalenti għal dawk li jinsabu fil-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea.
- (h) Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni għandu, għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/696, japplika għal kwalunkwe dokument tas-CEDEFOP fir-rigward tal-Istati tal-EFTA wkoll."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE *.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2023.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, [...].

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

[...]

Is-Segretarji

Tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

[...]

* [L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.] [Rekwiżiti kostituzzjonali indikati.]

Dikjarazzjoni Konġunta tal-Partijiet Kontraenti

**għad-deċiżjoni Nru .../... li tinkorpora r-Regolament (UE) 2019/128 tal-Parlament
Ewropew u tal-Kunsill fil-Ftehim**

Il-partijiet jirrikonoxxu li l-inkorporazzjoni ta' dan l-att hija mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni diretta tal-Protokoll 7 dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea għaċ-ċittadini tal-Istati tal-EFTA fit-territorju ta' kull Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, skont l-Artikolu 11 ta' dak il-Protokoll.